Parlament Ewropew
2014-2019

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2018/0044(COD)

3.5.2018

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liġi applikabbli għall-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjonijiet tal-pretensjonijiet
(COM(2018)0096 – C8-0109/2018 – 2018/0044(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Pavel Svoboda

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 14

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liġi applikabbli għall-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjonijiet tal-pretensjonijiet (COM(2018)0096 – C8-0109/2018 – 2018/0044(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)0096),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 81(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0109/2018),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0000/2018),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Ir-regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet stipulati f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jirregolaw l-effetti ***proprjetarji*** taċ-ċessjonijiet tal-pretensjonijiet ***bejn il-partijiet kollha involuti fiċ-ċessjoni (jiġifieri bejn iċ-ċedent u ċ-ċessjonarju u bejn iċ-ċessjonarju u d-debitur) kif ukoll*** fir-rigward ta' partijiet terzi ***(***pereżempju,	(15) Ir-regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet stipulati f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jirregolaw l-effetti taċ-ċessjonijiet tal-pretensjonijiet fir-rigward ta' partijiet terzi***,*** pereżempju, il-kreditur taċ-ċedent***,*** ***minbarra d-debitur***.

il-kreditur taċ-ċedent***)***.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Il-pretensjonijiet koperti minn dan ir-Regolament ***huma*** riċevibbli tan-negozju, pretensjonijiet li jirriżultaw mill-istrumenti finanzjarji kif definit fid-Direttiva 2014/65/UE ***dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji*** 44 u l-flus ikkreditati f'kont f'istituzzjoni ta' kreditu. L-istrumenti finanzjarji kif definiti fid-Direttiva 2014/65/UE jinkludu titoli u derivattivi nnegozjati fis-swieq finanzjarji. Filwaqt li t-titoli huma assi, id-derivattivi huma kuntratti li jinkludu kemm drittijiet (jew pretensjonijiet) ***u kemm*** obbligi għall-partijiet kontraenti.	(16) Il-pretensjonijiet koperti minn dan ir-Regolament ***jinkludu*** riċevibbli tan-negozju, pretensjonijiet li jirriżultaw mill-istrumenti finanzjarji kif definit fid-Direttiva 2014/65/UE ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[44] u l-flus ikkreditati f'kont f'istituzzjoni ta' kreditu. L-istrumenti finanzjarji kif definiti fid-Direttiva 2014/65/UE jinkludu titoli u derivattivi nnegozjati fis-swieq finanzjarji. Filwaqt li t-titoli huma assi, id-derivattivi huma kuntratti li jinkludu kemm drittijiet (jew pretensjonijiet) ***kif ukoll*** obbligi għall-partijiet kontraenti.
[44] Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE, ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349-496.	[44] Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE, ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349-496.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Dan ir-Regolament jirrigwarda l-	(17) Dan ir-Regolament jirrigwarda l-

effetti fuq il-partijiet terzi fiċ-ċessjoni tal-pretensjonijiet. ***Dan ma jkoprix it-trasferiment*** tal-kuntratti (bħall-kuntratti ***ta' derivattivi***), li fihom ikun hemm inklużi kemm id-drittijiet (jew il-pretensjonijiet) ***u*** l-obbligi, jew in-novazzjoni ta' kuntratti li jinkludu ***t-tali*** drittijiet u obbligi. ***Billi dan ir-Regolament ma jkoprix it-trasferiment jew in-novazzjoni tal-kuntratti, in-negozjar fl-istrumenti finanzjarji, kif ukoll l-ikklerjar u s-saldu ta' dawn l-istrumenti, ser ikomplu jiġu regolat mill-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali kif inhu stipulat fir-Regolament Ruma I. Din il-liġi hija normalment magħżula mill-partijiet għall-kuntratt jew indikat permezz ta' regoli mhux diskrezzjonali li japplika għal swieq finanzjarji.***	effetti fuq il-partijiet terzi fiċ-ċessjoni tal-pretensjonijiet. ***B'mod partikolari, ikopri t-trasferiment*** tal-kuntratti (bħall-kuntratti ***tad-derivattivi***), li fihom ikun hemm inklużi kemm id-drittijiet (jew il-pretensjonijiet) ***kif ukoll*** l-obbligi, jew in-novazzjoni ta' kuntratti li jinkludu ***tali*** drittijiet u obbligi.
	Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) ***Jenħtieġ li fid-determinazzjoni tal-liġi applikabbli rigward l-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjonijiet*** tal-pretensjonijiet fil-kuntest ta' titolizzazzjoni ***tiġi pprovduta l-flessibbiltà****, **sabiex jiġu ssodisfati l-bżonnijiet tat-titolizzaturi kollha u sabiex tiġi ffaċilitata l-espansjoni tas-suq tat-titolizzazzjoni transfruntier*** għal ***operaturi iżgħar. Filwaqt li l-liġi dwar ir-residenza abitwali taċ-ċedent jenħtieġ*** li ***tapplika bħala r-regola prestabbilita rigward l-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjonijiet ta'*** pretensjonijiet ***fil-kuntest ta' titolizzazzjoni, iċ-ċedent (l-oriġinatur)*** u ***ċ-ċessjonarju (l-entità bi skop speċjali) jenħtieġ*** li ***jkollhom l-għażla li l-liġi tal-pretensjoni ċeduta tapplika rigward l-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjoni tal-pretensjonijiet****. **Iċ-ċedent u ċ-*	(28) ***Fir-rigward taċ-ċessjonijiet*** tal-pretensjonijiet fil-kuntest ta' titolizzazzjoni, ***huma jkunu normalment minn istituzzjonijiet finanzjarji*** għal ***entitajiet bi skop speċjali (SPV) maħluqa għall-iskop tat-titolizzazzjoni. Mhuwiex komuni li bosta istituzzjonijiet minn Stati Membri differenti jassenjaw pretensjonijiet għall-istess SPV u li b'riżultat ta' dan iċ-ċessjonijiet għall-SPV jkunu soġġetti għal ordnijiet legali differenti. Ir-regola ġenerali tar-residenza abitwali taċ-ċedent tagħti prevedibbiltà suffiċjenti fir-rigward ta' ċessjoni tal-pretensjonijiet għall-iskop tat-titolizzazzjonijiet.***

ċessjonarju jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddeċiedu li l-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjoni tal-pretensjonijiet fil-kuntest ta' titolizzazzjoni għandhom jibqgħu soġġetti għar-regola ġenerali tar-residenza abitwali taċ-ċedent***, jew li jagħżlu l-liġi tal-pretensjoni ċeduta fid-dawl tal-istruttura u l-karatteristiċi tat-tranżazzjoni, pereżempju, l-għadd u l-lokazzjoni tal-oriġinaturi u l-għadd*** ta' ***liġijiet li jirregolaw il-pretensjonijiet ċeduti.***

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament għandu japplika, f'sitwazzjonijiet li jinvolvu ***konflitt*** ta' liġijiet, għall-effetti fuq il-partijiet fiċ-ċessjonijiet tal-pretensjonijiet f'materji ċivili u kummerċjali.	Dan ir-Regolament għandu japplika, f'sitwazzjonijiet li jinvolvu ***kunflitt*** ta' liġijiet, għall-effetti fuq il-partijiet fiċ-ċessjonijiet tal-pretensjonijiet f'materji ċivili u kummerċjali ***oħra apparti l-effetti fuq partijiet terzi tal-pretensjoni ċeduta għad-debituri***.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) iċ-ċessjoni ta' pretensjonijiet matul proċediment kollettiv skont ir-Regolament (UE) 2015/848.

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) "effetti fuq partijiet terzi" tfisser effetti proprjetarji, jiġifieri, id-dritt taċ-ċessjonarju li jasserixxi t-titolu legali tiegħu fuq pretensjoni ċeduta lilu fil-konfront ta' ċessjonarji jew benefiċjarji oħrajn tal-istess pretensjoni jew ta' pretensjoni ekwivalenti funzjonalment, kredituri taċ-ċedent u partijiet terzi oħrajn;	(e) "effetti fuq partijiet terzi" tfisser effetti proprjetarji, jiġifieri, id-dritt taċ-ċessjonarju li jasserixxi t-titolu legali tiegħu fuq pretensjoni ċeduta lilu fil-konfront ta' ċessjonarji jew benefiċjarji oħrajn tal-istess pretensjoni jew ta' pretensjoni ekwivalenti funzjonalment, kredituri taċ-ċedent u partijiet terzi oħrajn***, minbarra d-debitur***;

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) "flus" tfisser flus kkreditati f'kont f'istituzzjoni ta' kreditu fi kwalunkwe valuta;	***imħassar***

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sakemm ma jiġix stipulat mod ieħor f'dan l-Artikolu, l-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjoni tal-pretensjonijiet għandhom ikunu rregolati mil-liġi tal-pajjiż li fih iċ-ċedent ***jkollu*** r-residenza abitwali tiegħu fid-data ***tal-fatti***.	Sakemm ma jiġix stipulat mod ieħor f'dan l-Artikolu, l-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjoni tal-pretensjonijiet għandhom ikunu rregolati mil-liġi tal-pajjiż li fih iċ-ċedent ***ikollu*** r-residenza abitwali tiegħu fid-data ***tal-konklużjoni tal-kuntratt ta'***

ċessjoni.

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn iċ-ċedent jibdel ir-residenza abitwali tiegħu bejn żewġ ċessjonijiet tal-istess pretensjoni indirizzati lil ċessjonarji differenti, il-prijorità tad-dritt ta' ċessjonarju fuq id-dritt ta' ċessjonarju ieħor għandha tiġi regolata mil-liġi dwar ir-residenza abitwali taċ-ċedent fiż-żmien meta ċ-ċessjoni tkun saret effettiva għall-ewwel darba fil-konfront ta' partijiet terzi skont il-liġi magħżula bħala applikabbli skont l-ewwel subparagrafu.	Fejn iċ-ċedent jibdel ir-residenza abitwali tiegħu bejn żewġ ċessjonijiet tal-istess pretensjoni indirizzati lil ċessjonarji differenti, il-prijorità tad-dritt ta' ċessjonarju fuq id-dritt ta' ċessjonarju ieħor għandha tiġi regolata mil-liġi dwar ir-residenza abitwali taċ-ċedent fiż-żmien meta ċ-ċessjoni tkun saret effettiva għall-ewwel darba fil-konfront ta' partijiet terzi ***oħrajn*** skont il-liġi magħżula bħala applikabbli skont l-ewwel subparagrafu.

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Il-liġi*** applikabbli għall-pretensjoni ċeduta għandha tirregola l-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjoni ta':	2. ***Minkejja l-Paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, il-liġi*** applikabbli għall-pretensjoni ċeduta għandha tirregola l-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjoni ta':

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) flus ikkreditati f'kont f'istituzzjoni ta' kreditu;	(a) *(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Iċ-ċedent u ċ-ċessjonarju jistgħu jagħżlu l-liġi applikabbli ***għall-pretensjoni ċeduta*** bħala l-liġi applikabbli għall-effetti fuq partijiet terzi ***fiċ-ċessjoni ta' pretensjonijiet fid-dawl ta' titolizzazzjoni***.	***Fir-rigward ta' ċessjonijiet tal-pretensjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 għall-iskop tat-titolizzazzjoni,*** iċ-ċedent u ċ-ċessjonarju jistgħu jagħżlu ***li*** l-liġi applikabbli ***għall-akbar numru ta' pretensjonijiet ċeduti għandha tapplika*** bħala l-liġi applikabbli għall-effetti fuq partijiet terzi ***fiċ-ċessjonijiet kollha tal-pretensjonijiet***.

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Kunflitt prijoritarju bejn iċ-ċessjonarji tal-istess pretensjoni fejn l-effetti fuq partijiet terzi ta' waħda miċ-ċessjonijiet ikunu rregolati mil-liġi tal-pajjiż li fih iċ-ċedent ikollu r-residenza abitwali tiegħu u l-effetti fuq partijiet terzi f'ċessjonijiet oħrajn li jkunu rregolati mil-liġi tal-pretensjoni ċeduta, għandhom ikunu	4. Kunflitt prijoritarju bejn iċ-ċessjonarji tal-istess pretensjoni fejn l-effetti fuq partijiet terzi ta' waħda miċ-ċessjonijiet ikunu rregolati mil-liġi tal-pajjiż li fih iċ-ċedent ikollu r-residenza abitwali tiegħu u l-effetti fuq partijiet terzi f'ċessjonijiet oħrajn li jkunu rregolati mil-liġi tal-pretensjoni ċeduta, għandhom ikunu

rregolati mil-liġi applikabbli għall-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjoni tal-pretensjoni li tkun saret effettiva għall-ewwel darba fil-konfront ta' partijiet terzi skont il-liġi applikabbli tagħha.	rregolati mil-liġi applikabbli għall-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjoni tal-pretensjoni li tkun saret effettiva għall-ewwel darba fil-konfront ta' partijiet terzi ***oħrajn*** skont il-liġi applikabbli tagħha.
	Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Effett għandu jingħata lid-dispożizzjonijiet mandatorji prevalenti tal-liġi tal-Istat Membru fejn iċ-ċessjoni trid titwettaq, jew twettqet, sakemm dawn id-dispożizzjonijiet mandatorji prevalenti jagħmlu illegali t-twettiq tal-kuntratt ta' ċessjoni.
	Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-liġi applikabbli skont dan ir-Regolament għandha tiddetermina jekk id-drittijiet ta' parti terza fir-rigward ta' pretensjoni ċeduta wara d-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ***jieħdux*** prijorità fuq id-drittijiet ta' terza persuna oħra akkwistati qabel ma dan ir-Regolament isir applikabbli.	2. Il-liġi applikabbli skont dan ir-Regolament għandha tiddetermina jekk id-drittijiet ta' parti terza fir-rigward ta' pretensjoni ċeduta wara d-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ***jiħdux*** prijorità fuq id-drittijiet ta' terza persuna oħra akkwistati qabel ma dan ir-Regolament isir applikabbli. ***Fil-każ ta' pretensjonijiet li jikkompetu ma' xulxin abbażi ta' ċessjonijiet, il-liġi applikabbli skont dan ir-Regolament għandha tiddetermina d-drittijiet taċ-ċessjonarji rispettivi, u dan isir biss fir-rigward ta'***

ċessjonijiet konklużi wara d-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Ir-regoli relatati mal-liġi applikabbli għall-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjonijiet tal-pretensjonijiet kienu inklużi fil-proposta tal-Kummissjoni li aktar tard saret ir-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I), iżda dawn ma sabux ruħhom fit-test finali. L-intenzjoni ċara tal-leġiżlaturi, meta neħħew dawn l-elementi mir-Regolament Ruma I, kienet li l-Kummissjoni għandha tirritorna bi proposta fi stadju aktar tard.

Il-kwistjonijiet qamu mill-ġdid fid-dawl tal-Pjan ta' Azzjoni tal-2015 dwar l-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU). F'Mejju 2017, ir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu tal-Kummissjoni stabbilixxa l-azzjonijiet li baqa', u li jridu jittieħdu sabiex jitqiegħdu f'posthom l-elementi kostitwenti tas-CMU sal-2019, bl-objettiv li jitneħħew l-ostakoli għall-investiment transfruntier u jitnaqqsu l-ispejjeż tal-finanzjament.

L-ambitu tar-rapport

Il-proposta tal-Kummissjoni għandha ħmistax-il artikolu. Hija ssegwi mill-qrib ir-Regolamenti Ruma I u Ruma II. F'dan ir-rapport, id-dispożizzjonijiet speċifiċi għal din il-proposta ngħataw attenzjoni speċjali, filwaqt li dispożizzjonijiet li ġew sempliċiment ikkupjati minn Ruma I u II tħallew kif kienu. Din il-pożizzjoni ttieħdet b'mod speċifiku bil-ħsieb li dan il-fajl leġiżlattiv jiġi possibbilment konkluż qabel tmiem il-leġiżlatura.

Ir-regola prinċipali

Fil-proposta tal-Kummissjoni, ir-regola prinċipali għal-liġi applikabbli taċ-ċessjonijiet hija l-liġi tar-residenza abitwali taċ-ċedent. Din hija r-regola fis-seħħ f'xi Stati Membri, filwaqt li oħrajn japplikaw pereżempju l-liġi applikabbli għall-pretensjoni ċeduta. Il-konsegwenzi negattivi prinċipali ta' ċessjoni jistgħu jaffettwaw lill-kredituri taċ-ċedent jew lil partijiet terzi oħra relatati maċ-ċedent. B'dawn il-kundizzjonijiet, din il-liġi tar-residenza abitwali taċ-ċedent se tagħti livell għoli ta' trasparenza u prevedibbiltà lill-partijiet terzi possibbilment ikkonċernati.

L-esklużjoni espliċita tad-debituri

Il-liġi applikabbli għall-konsegwenzi ta' ċessjoni għad-debitur hija rregolata fl-Artikolu 14 tar-Regolament Ruma I. Il-fatt li d-debituri ma jiġux esklużi b'mod espliċitu minn partijiet terzi skont dan ir-Regolament ikun ifisser li d-dispożizzjonijiet f'Ruma I ikunu japplikaw bħala lex specialis imma li safrattant tista' tqum il-kwistjoni sa liema punt dan ir-Regolament jissupplimenta Ruma I. Biex il-konsegwenzi tal-parti terza għad-debituri jiġu rregolati biss minn Ruma I, l-esklużjoni espliċita għandha tiġi introdotta f'dan ir-Regolament.

L-esklużjoni ta' proċedimenti ta' insolvenza

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar proċedimenti ta' insolvenza jinkludi regoli relatati mal-liġi applikabbli. Għal dik ir-raġuni, iċ-ċessjonijiet magħmula matul proċediment kollettiv skont dak ir-regolament għandhom ikunu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Titolizzazzjoni

Il-Kummissjoni pproponiet li ċ-ċedent u ċ-ċessjonarju jkunu jistgħu jagħżlu l-liġi applikabbli

għall-konsegwenzi ta' ċessjoni fuq parti terza. Tali regola tmur kontra wieħed mill-prinċipji fundamentali tad-dritt ċivili Ewropew: li l-partijiet fi ftehim ma jistgħux jużaw il-ftehim biex jiddisponu d-drittijiet ta' partijiet terzi. Il-fatt li l-partijiet tal-ftehim ta' ċessjoni jingħataw, f'dan il-qasam, diskrezzjoni sħiħa, huwa eċċessiv, speċjalment fid-dawl tal-Artikolu 3. Madankollu, soluzzjoni li tippermetti lill-partijiet għal ftehim ta' titolizzazzjoni li jiddeċiedu li l-liġi applikabbli għall-akbar numru ta' pretensjonijiet tkun tapplika għall-pretensjonijiet kollha, tippermetti biżżejjed simplifikazzjoni filwaqt li żżomm livell suffiċjenti ta' protezzjoni għal partijiet terzi.